# O Żmien Ħelu...

tagħrif u ritratti minn **Raymond C. Xerri**
B.A.(Hons)(USA),EU.Sch.(E.U.Law)(FRG),D.D.S.,M.A.(Dip.St.)(Malta),L.F.I.B.A.(U.K.),D.G.(U.S.A.)

## It-tradizzjoni tat-Tbaħħir

*X'inhu t-tbaħħir? X'inhu s-sinifikat tat-tixrid tad-duħħan madwar xi membri tal-familja jew madwar id-dar jew fil-post tax-xogħol tagħna? Għadu relevanti jew hi xi ħaġa ta' l-X-Files?*

Tradizzjoni oħra għażiża għal missirijietna u li llum qiegħda tispiċċa hi t-twemmin fid-drawwa tat-tbaħħir. It-tbaħħir hi tradizzjoni reliġjuża antika ferm. Fil-fatt it-tbaħħir jintuża f'diversi kulturi mxerrdin madwar id-dinja kollha. Kważi kull ċivilta' kbira jew żgħira kollha għandhom xi forma ta' tbaħħir. Sew in-nar kif ukoll id-duħħan abjad kien ifisser ħaġa u l-iswed ħaġa oħra. It-tradizzjoni hi differenti f'kull kultura.



Fir-raħal tagħna bħal f'kważi fil-kumplament t'Għawdex it-tbaħħir tista' tgħid isir bl-istess mod. Missirijietna u ħafna fir-raħal tagħna għadhom jemmnu li din it-tradizzjoni tbiegħed l-għajn ħażina minn fuqhom, mid-dar u mill-membri tal-familja preżenti waqt li jsir it-tbaħħir. Meta xi ħadd jbaħħar irid jipprepara taħlita ta' bċejjeċ ta' injam jew zkuk id-daqs ta' sulfarina, bċejjeċ ta' weraq taż-żebbuġ, bċejjeċ tal-palm u xema'. Din ix-xema' titqassam lill-famlji kollha tar-raħal fl-Erbgħa tat-Tniebri u x-xema' kif ukoll iż-żebbuġ u l-palm ikunu tbierku f'ċerimonja fil-Knisja.

Wara li dawn jitqattgħu f'biċċiet żgħar, jitqiegħdu fi platt u jinħarqu. Meta l-ingredjenti jkunu nħarqu jibda' jipproduċi ħafna duħħan. Il-persuna li tieħu l-inkarigu li tmexxi ċ-ċerimonja jew aħjar dan ir-ritwal, tibda' ddur, jitpoġġa d-duħħan bl-idejn madwar il-persuna jew persuni preżenti. Waqt li jkun qiegħed jitpoġġa d-duħħan fuq il-persuna preżenti jsir talb. Hemm min jgħid talb lill-patrun tagħna San Ġużepp jew lill-Immakulata Kunċizzjoni.

Wara li persuna inkarigata ddur lill-membri kollha tal-familja, iddur il-kmamar kollha tad-dar u tissokta tgħid it-talb, hemm min jgħid talb għall-fehma tal-Papa, l-Kredu jew il-Pater Noster.

It-tbaħħir isir meta xi membri tal-familija jgħaddi minn esperjenza/i ħżiena jew xi ħaġa mhux sejra sew jew forsi hemm suspett li xi ħadd tefa' xi għajn ħażina fuq xi ħadd tal-familja. Hemm min jemmen fl-għajn il-ħażina u hemm min ma jemminx. Veru jew le, il-fatt hu li t-tbaħħir huwa parti mit-tradizzjoni u parti mill-wirt u l-kultura reliġjuża ta' ġensna. Jekk ser tipprattikaw dan ir-ritwal tridu temmnu f'dak li qed tagħmlu biex jħalli l-frott mixtieq. Missirijietna kienu jemmnu sinċerament li bis-saħħa tat-talb u s-simboliżmu tad-duħħan; l-ħażen, l-għira, u l-għajn ħażina ta' xi ħadd tingħalaq u tispiċċa.

Dan hu parti minn misteru għal ħafna pero' li hu ċert hu li missirijietna kienu jemmnu b'din iċ-ċerimonja u kienet tgħinhom jipprattikaw u josservaw it-twemmin nisrani. Jiena ngħid għalija dejjem emmint fit-talb u r-ritwal tat-tbaħħir u nemmen li hi tradizzjoni tajba meta jsir bl-intenzjonijiet twajba u sinċiera. Nispera li ma taħsbux li dan l-artiklu hu xi episodju mis-sensiela ta' l-X-Files.

Il-Maltin kienu tradizzjonalment jbaħħru kull nhar ta' Ħamis u l-antenati tagħna kienu jbaħħru kull meta kienu jħossu l-bżonn. Din hi tradizzjoni oħra li qiegħda tispiċċa, id-duħħan ifuħ tat-tbaħħir qiegħed bil-mod il-mod jgħib. O Żmien Ħelu... fejn int!!!